# Ġurament tal-Kariga tal-President tar-Repubblika ta' Malta

Il-Ħamis, 4 ta' April 2024

Mitbugħ mill-Uffiċċju tal-Ispeaker fl-Istamperija tal-Gvern

ĠURAMENT TAL-KARIGA
TAL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA

# Werrej

Programm 1
Noti lill-Mistednin 7

# Programm

09:30 Il-President-Elett u Dott. Spiteri Debono jitilqu mir-residenza tagħhom.

09:49 Il-President-Elett u Dott. Spiteri Debono jaslu l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

09:51 L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jasal il-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

09:54 Il-Prim Ministru u Dott. Abela jaslu l-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

09:57 Il-President ta' Malta u s-Sinjura Vella jaslu l-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

10:00 Quddiesa Solenni għal Art Twelidna kkonċelebrata mill-Arċisqof ta' Malta.

11:00 Wara l-Quddiesa Solenni, il-President u s-Sinjura Vella jitilqu mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann u joħorġu mill-Belt Valletta.

11:02 Il-Prim Ministru u Dott. Abela jitilqu mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

11:04 L-Ispeaker, il-President-Elett u Dott. Spiteri Debono, il-familja tal-President-Elett u l-mistednin jitilqu bil-mixi mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann għall-Palazz tal-Gran Mastru.

L-Ispeaker, u l-President-Elett u Dott. Spiteri Debono jaslu l-Palazz. Huma jiġu skortati għas-Sala tal-Paġġi mis-Segretarju tal-Presidenza.

Il-mistednin jidħlu l-Palazz mill-bieb prinċipali, jipproċedu lejn is-Sala tat-Tron u jieħdu posthom.

11:40 Gwardja tal-Unur tal-Forzi Armati ta' Malta timmarċja minn quddiem il-bini tal-Parlament ta' Malta f'Misraħ il-Ħelsien għal Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta.

11:52 Il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jasal fi Pjazza San Ġorġ u jingħata Salut Ġenerali mill-Gwardja tal-Unur.

11:55 Il-Membri tal-Parlament jieħdu posthom fis-Sala tat-Tron.

11:55 Il-Prim Ministru u Dott. Abela jaslu fi Pjazza San Ġorġ. Ikun hemm jilqagħhom il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta.

Il-Prim Ministru jingħata Salut Nazzjonali.

Jindaqqu tmien battuti mill-Innu Malti.

11:57 Dott. Spiteri Debono jiġi skortat lejn is-Sala tat-Tron minn uffiċjali tal-Protokoll.

11:58 Il-Prim Ministru u Dott. Abela jiġu skortati minn Kurunell tal-Forzi Armati ta' Malta lejn is-Sala tal-Paġġi fejn jiltaqgħu mal-Ispeaker u l-President-Elett.

Il-Prim Ministru u Dott. Abela jiġu skortati għal posthom fis-Sala tat-Tron.

12:00 L-Ispeaker jipproċedi lejn is-Sala tat-Tron.

L-Ispeaker jiftaħ is-Seduta Parlamentari. L-Iskrivan tal-Kamra tgħid it-talb.

L-Ispeaker jindirizza lill-Membri Parlamentari u lill-mistednin preżenti, u jissospendi s-Seduta għal ftit minuti.

12:05 Il-President u s-Sinjura Vella, skortati mill-Kavallerija tal-Pulizija, jaslu fi Pjazza San Ġorġ. Ikun hemm jilqagħhom il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta.

Il-President jingħata Salut Nazzjonali.

Jindaqq l-Innu Malti.

Il-President jispezzjona l-Gwardja tal-Unur.

12:12 Il-President u s-Sinjura Vella jiġu skortati lejn is-Sala tal-Paġġi mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, fejn jiltaqgħu mal-Ispeaker u l-President-Elett.

Is-Sinjura Vella tiġi skortata lejn is-Sala tat-Tron mill-Aide-de-Camp (ADC).

12:15 Il-President u l-President-Elett jiġu skortati għas-Sala tat-Tron mill-Ispeaker.

Il-President jiġi skortat għal postu mill-ADC.

L-Ispeaker u l-President-Elett jieħdu posthom fuq id-dais.

Is-Seduta tirriżumi.

In-Nutar Myriam Spiteri Debono tieħu l-Ġurament tal-Kariga ta' President ta' Malta. Il-President tiffirma l-Ġurament tal-Kariga u l-Ispeaker jiffirma l-Ġurament bħala konferma.

Membri tal-Forzi Armati ta’ Malta jdoqqu fanfarra.

Il-Forzi Armati ta’ Malta jisparaw salut ta’ wieħed u għoxrin tir mill-Batterija tas-Salut.

L-Iskrivan tal-Kamra tistieden lill-Prim Ministru jitla’ ħdejn il-President fuq id-dais.

Il-President taqra l-Proklama fejn tiddikjara li hija assumiet il-funzjonijiet ta’ President ta’ Malta, u tiffirmaha.

Il-Prim Ministru jiffirma l-Proklama bħala konferma.

L-Ispeaker jaġġorna l-Kamra.

12:20 Il-President ta’ Malta l-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono tindirizza lill-mistednin distinti.

12:40 Il-President u Dott. Spiteri Debono, flimkien mal-President Emeritu George Vella u s-Sinjura Vella, jiġu skortati għall-gallarija prinċipali tal-Palazz mill-ADC.

12:45 Il-President u Dott. Spiteri Debono, flimkien mal-President Emeritu George Vella u s-Sinjura Vella, jidħlu fis-Sala tal-Ambaxxaturi skortati mill-ADC.

Il-Prim Ministru u Dott. Abela, l-Ispeaker, l-Arċisqof, il-Prim Imħallef u s-Sinjura Chetcuti, u l-Presidenti Emeriti flimkien man-nisa u l-irġiel tagħhom jidħlu fis-Sala tal-Ambaxxaturi.

Il-President tiffirma l-Istrumenti tal-Ħatra bħala Kap tax-Xirka Ġieħ ir-Repubblika u tal-Ordni Nazzjonali tal-Meritu, kif ukoll is-Sħubija tal-Ordni Nazzjonali tal-Meritu fil-grad ta’ Kumpann tal-Unur.

Il-Prim Ministru jiffirma ż-żewġ dokumenti bħala konferma fil-preżenza tal-Kanċillier u tar-Reġistratur tax-Xirka u tal-Ordni.

12:47 Il-mistednin distinti jipproċedu għal riċeviment fil-Palazz.

12:50 Il-Prim Ministru u Dott. Abela, l-Ispeaker, l-Arċisqof, il-Prim Imħallef u s-Sinjura Chetcuti, u l-Presidenti Emeriti u n-nisa u l-irġiel tagħhom jipproċedu għar-riċeviment.

Il-President u Dott. Spiteri Debono jipproċedu għar-riċeviment.

13:20 Il-President u Dott. Spiteri Debono, flimkien mal-Prim Ministru u Dott. Abela, skortati mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, joħorġu mill-Palazz għal Pjazza San Ġorġ.

Il-President titla' fuq id-dais u tingħata Salut Nazzjonali.

Jindaqq l-Innu Malti.

Il-President tispezzjona l-Gwardja tal-Unur.

Flypast mill-Iskwadra tal-Ajru tal-Forzi Armati ta' Malta.

13:25 Il-President u Dott. Spiteri Debono, bi skorta tal-Kavallerija tal-Pulizija, jitilqu lejn il-Monument tal-Gwerra, il-Furjana.

Il-Prim Ministru u Dott. Abela jitilqu lejn il-Monument tal-Gwerra.

Ikun hemm jilqagħhom Kurunell tal-Forzi Armati ta' Malta.

Il-President tqiegħed kuruna fuq il-Monument.

13:30 Il-Gwardja tal-Unur timmarċja minn Pjazza San Ġorġ u tgħaddi minn Triq ir-Repubblika għal quddiem il-bini tal-Parlament ta' Malta f'Misraħ il-Ħelsien.

13:35 Il-President Emeritu George Vella u s-Sinjura Vella jitilqu mill-Palazz u jkunu skortati lejn ir-residenza tagħhom.

L-Ispeaker, l-Arċisqof, u l-Prim Imħallef u s-Sinjura Chetcuti jitilqu mill-Palazz.

13:40 Il-President u Dott. Spiteri Debono jitilqu mill-Monument tal-Gwerra għall-Palazz ta' Sant'Anton, Ħ'Attard.

Il-Prim Ministru u Dott. Abela jitilqu mill-Monument tal-Gwerra għall-Palazz ta' Sant'Anton.

13:50 Il-President u Dott. Spiteri Debono jaslu fil-Palazz ta' Sant'Anton u jiġu milqugħa mill-istaff tal-Palazz.

14:15 Il-Prim Ministru u Dott. Abela jagħmlu żjara ta' korteżija lill-President u lil Dott. Spiteri Debono fil-Palazz ta' Sant'Anton.

14:30 Il-Kap tal-Oppożizzjoni u s-Sinjura Grech jagħmlu żjara ta' korteżija lill-President u lil Dott. Spiteri Debono fil-Palazz ta' Sant'Anton.

# Noti lill-Mistednin

Il-mistednin huma ġentilment mitluba jqumu bilwieqfa:

1. meta l-Kamra tad-Deputati tiltaqa' u l-Iskrivan tal-Kamra tgħid it-talb;
2. kull darba li l-Ispeaker jidħol jew joħroġ mis-Sala tat-Tron;
3. meta l-President-Elett tieħu l-Ġurament tal-kariga bħala President ta' Malta;
4. waqt li tindaqq il-fanfarra u jingħata s-salut ta' wieħed u għoxrin tir mill-Forzi Armati ta' Malta; u
5. meta l-President taqra l-Proklama.

Il-mistednin għandhom jibqgħu bilqiegħda:

1. meta l-President taqra d-Diskors tagħha wara li l-Kamra tiġi aġġornata mill-Ispeaker; u
2. meta l-President u Dott. Spiteri Debono, u l-President Emeritu George Vella u s-Sinjura Vella joħorġu fil-gallarija prinċipali.

Meta tispiċċa ċ-ċerimonja u wara li l-President u Dott. Spiteri Debono jkunu ħarġu mis-Sala tat-Tron, il-mistednin għandhom jibqgħu bilqiegħda sakemm jintalbu mill-uffiċjali tal-Protokoll biex jipproċedu għar-riċeviment.

# Oath of Office
# of the
# President of the Republic of Malta

Thursday, 4 April 2024

Printed by the Office of the Speaker at the Government Printing Press

# OATH OF OFFICE
# OF THE
# PRESIDENT OF THE REPUBLIC OF MALTA

# Table of Contents


| | |
|---|---|
| Programme | 1 |
| Notes to Guests | 7 |

# Programme

09:30 The President-Elect and Dr Spiteri Debono depart from their residence.

09:49 The President-Elect and Dr Spiteri Debono arrive at St John's Co-Cathedral, Valletta.

09:51 The Speaker of the House of Representatives arrives at St John's Co-Cathedral.

09:54 The Prime Minister and Dr Abela arrive at St John's Co-Cathedral.

09:57 The President of Malta and Mrs Vella arrive at St John's Co-Cathedral, Valletta.

10:00 Solemn Mass for Our Country concelebrated by the Archbishop of Malta.

11:00 At the end of the Solemn Mass, the President and Mrs Vella leave St John's Co-Cathedral and exit Valletta.

11:02 The Prime Minister and Dr Abela leave St John's Co-Cathedral.

11:04 The Speaker, the President-Elect and Dr Spiteri Debono, the family of the President-Elect and the guests proceed on foot from St John's Co-Cathedral to the Grand Master's Palace.

The Speaker, and the President-Elect and Dr Spiteri Debono arrive at the Palace. They are accompanied to the Pages' Chamber by the Secretary to the Presidency.

The guests enter the Palace through the main gate and proceed to take their place in the Throne Room.

11:40 Guard of Honour of the Armed Forces of Malta marches from Freedom Square, in front of the building of the Parliament of Malta, to St George's Square, Valletta.

11:52 The Commander of the Armed Forces of Malta arrives at St George's Square and is accorded a General Salute by the Guard of Honour.

11:55 Members of Parliament take their places in the Throne Room.

11:55 The Prime Minister and Dr Abela arrive at St George's Square. They are welcomed by the Commander of the Armed Forces of Malta.

The Prime Minister is accorded a National Salute.

Eight bars of the National Anthem are played.

11:57 Dr Spiteri Debono is escorted to the Throne Room by Protocol officers.

11:58 The Prime Minister and Dr Abela are escorted by a Colonel of the Armed Forces of Malta to the Pages' Chamber where they meet with the Speaker and the President-Elect.

The Prime Minister and Dr Abela are escorted to their places in the Throne Room.

12:00 The Speaker proceeds to the Throne Room.

The Speaker opens the Parliamentary Sitting. The Clerk of the House recites the prayers.

The Speaker addresses the Members of Parliament and guests present, and suspends the sitting for a few minutes.

12:05 The President and Mrs Vella, escorted by the Mounted Police, arrive in St George's Square. They are welcomed by the Commander of the Armed Forces of Malta.

The President is accorded a National Salute.

The National Anthem is played.

The President inspects the Guard of Honour.

12:12 The President and Mrs Vella are escorted to the Pages' Chamber by the Commander of the Armed Forces of Malta, where they meet with the Speaker and the President-Elect.

Mrs Vella is escorted to the Throne Room by the Aide-de-Camp (ADC).

12:15 The President and the President-Elect are escorted to the Throne Room by the Speaker.

The President is escorted to his place by the ADC.

The Speaker and the President-Elect take their places on the dais.

The Sitting resumes.

Notary Myriam Spiteri Debono takes the Oath of Office as President of Malta. The Oath is signed by the President and countersigned by the Speaker.

A fanfare is sounded by the Trumpeters of the Armed Forces of Malta.

The Armed Forces of Malta fire a twenty-one-gun salute from the Saluting Battery.

The Clerk of the House invites the Prime Minister to join the President on the dais.

The President reads and signs the Proclamation declaring that she has assumed the functions of President of Malta.

The Prime Minister countersigns the Proclamation.

The Speaker adjourns the House.

12:20 The President of Malta, Her Excellency Myriam Spiteri Debono, addresses the distinguished guests.

12:40 The President and Dr Spiteri Debono, together with President Emeritus George Vella and Mrs Vella, are escorted by the ADC to the main Palace balcony.

12:45 The President and Dr Spiteri Debono, together with President Emeritus George Vella and Mrs Vella, proceed to the Ambassadors' Room escorted by the ADC.

The Prime Minister and Dr Abela, the Speaker, the Archbishop, the Chief Justice and Mrs Chetcuti, and the Presidents Emeriti together with their spouses proceed to the Ambassadors' Room.

The President signs the Citations assuming the Headships of the Xirka Ġieħ ir-Repubblika and the National Order of Merit, as well as Membership in the National Order of Merit in the grade of Companion of Honour.

The Prime Minister countersigns the two documents in the presence of the Chancellor and the Registrar of the Xirka and of the Order.

12:47 The distinguished guests proceed to a reception at the Palace.

12:50 The Prime Minister and Dr Abela, the Speaker, the Archbishop, the Chief Justice and Mrs Chetcuti, and the Presidents Emeriti and their spouses proceed to the reception.

The President and Dr Spiteri Debono proceed to the reception.

13:20 The President and Dr Spiteri Debono, together with the Prime Minister and Dr Abela, escorted by the Commander of the Armed Forces of Malta, exit the Palace and proceed to St George's Square.

The President mounts the dais and is accorded a National Salute.

The National Anthem is played.

The President inspects the Guard of Honour.

Flypast by the Air Squadron of the Armed Forces of Malta.

13:25 The President and Dr Spiteri Debono, escorted by the Mounted Police, proceed to the War Memorial in Floriana.

The Prime Minister and Dr Abela proceed to the War Memorial.

They are met by a Colonel of the Armed Forces of Malta.

The President places a wreath at the foot of the Memorial.

13:30 The Guard of Honour marches from St George's Square, up Republic Street to Freedom Square, in front of the building of the Parliament of Malta.

13:35 The President Emeritus George Vella and Mrs Vella leave the Palace and are escorted to their residence.

The Speaker, the Archbishop, and the Chief Justice and Mrs Chetcuti leave the Palace.

13:40 The President and Dr Spiteri Debono leave the War Memorial for Sant'Anton Palace in Attard.

The Prime Minister and Dr Abela leave the War Memorial for Sant'Anton Palace.

13:50 The President and Dr Spiteri Debono arrive at Sant'Anton Palace and are welcomed by the Palace staff.

14:15 The Prime Minister and Dr Abela pay a courtesy call on the President and Dr Spiteri Debono at Sant'Anton Palace.

14:30 The Leader of the Opposition and Mrs Grech pay a courtesy call on the President and Dr Spiteri Debono at Sant'Anton Palace.

# Notes to Guests

Guests are kindly requested to stand up:

1. when the House is called to order and the Clerk of the House recites the prayers;
2. every time the Speaker enters or leaves the Throne Room;
3. when the President-Elect takes the Oath of Office as President of Malta;
4. when the fanfare is sounded and the twenty-one-gun salute is fired by the Armed Forces of Malta; and
5. when the President reads the Proclamation.

Guests are kindly requested to remain seated:

1. when the President makes her speech after the Speaker adjourns the House; and
2. when the President and Dr Spiteri Debono, and the President Emeritus George Vella and Mrs Vella proceed to the main balcony.

At the end of the ceremony and after the President and Dr Spiteri Debono have left the Throne Room, guests are kindly requested to remain seated until they are invited by Protocol officers to proceed to the reception.